MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Numru. 118/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jonathan Xuereb**

Numru 118/13

Illum 25 ta' Frar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Jonathan Xuereb**, ta' sitta u tletin (36) sena, iben Loretu u Antonia neé Portelli, imwieled Toronto Kanada, fit-28 ta' Settembru 1975, u residenti 'Garden', Flat 2, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 121494(M), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Lulju 2013, u fiz-zminijiet qabel waqt li kien qieghed f'Ghajnsielem, Ghawdex u f'dawn il-Gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok. "B"), il-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija u l-fatt li l-imputat ghandu jibbenifika minn dak li jiddisponi Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u r-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 tal-1939) issib lill-imputat Jonathan Xuereb hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------